# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru 2001**

**Numru**

**Citaz. numru: 1200/90 C1 NA**

**Avukat Dottor Giovanni Griscti bhala rapprezentant tas-socjeta' "Formosa & Camilleri Ltd.", u dina bhala agenti f'Malta tas-socjeta' assikuratrici estera "The Guardian Royal Exchange Assurance Plc" kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurata taghha s-socjeta' "General Provisions Company Ltd."**

**vs**

**Joseph Apps in rapprezentanza tas-socjeta' "Sea Malta Company Limited"**

**U**

**Godwin Abela in rapprezentanza tas-socjeta' "The Cargo Handling Co. Ltd."**

**Il-Qorti,**

Illi b'att tac-citazzjoni pprezentata fil-31 ta' Ottubru 1990, l-attur nomine ppremetta:

"Illi s-socjeta' "General Provisions Company Limited" importat mill-Ingilterra *container* b'elf hames mija tmienja u sittin (1568) kartuni *mixed groceries* kif jirrizulta mill-polza ta' kariku Dokument "A";

Illi meta l-*container* gie miftuh u *destuffed* irrizulta illi l-merkanzija f'parti tal-*container* kienet imxarrba u mhassra minhabba ilma tax-xita li nizel minn toqba direttament mis-saqaf ta' l-istess *container* kif jirrizulta mis-*small claim information form* Dokument "B";

Illi ghal din il-hsara, l-assikurazzjoni kif obbligata, hallset is-somma ta' elf erba' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u tletin centezimu (Lm1421.30c) u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tad-ditta importatrici (Dokument "D");

Illi l-konvenuti nomine jew min minnhom huma responsabbli ghal dan in-nuqqas;

TALAB li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenuti nomine jew min minnhom responsabbli ghall-hsarat fuq indikati;

2. tikkundanna lill-konvenuti nomine jew min minnhom ihallsu lill-attur nomine s-somma ta' elf erba' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u tletin centezimu (Lm1421.30c) in linea ta' danni sofferti mill-importatur u surrogat lill-attur nomine, bl-interessi skond il-ilgi mid-data tal-pagament indikat fis-surroga Dokument "D" maghmula mill-attur nomine fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu w il-lista tax-xhieda.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta’ Joseph Apps in rapprezentanza tas-socjeta' "Sea Malta Company Limited" fejn eccepixxa illi:

"Fl-ewwel lok in-nullita' tan-notifika lilu tac-citazzjoni in kwistjoni stante li fid-data tan-notifika ta' l-istess huwa kien jinsab imsiefer minn Malta;

Fil-mertu illi l-*container* in kwistjoni gie rilaxxat f'idejn is-socjeta' konvenuta "The Cargo Handling Company Limited" fl-istess stat liema gie ricevut mill-ispedizzjonarji ta' l-istess merkanzija;

Fl-ahhar nett u in difett ta' dan il-limitazzjoni tar-responsabbilita' kif kontemplata fil-polza tal-karigu tas-socjeta' eccipjenti."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu w il-lista tax-xhieda.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela nomine li biha eccepixxa:

1. “Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti, l-azzjoni attrici hija preskritta skond il-ligi u cioe' a tenur tas-sub-inciz (a) ta' l-Artikolu 45 tal-Port Ordinance;

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li l-merkanzija giet konsenjata mill-kumpanija "The Cargo Handling

Company Limited" "*full container*" kif jirrizulta mill-Gate Pass Out Numru 111499 u minghajr rimarki."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu w il-lista tax-xhieda.

Illi b'digriet tat-18 ta' Novembru 1991 dina l-Qorti nnominat lil Dr. Joseph Refalo bhala Perit Legali, li sussegwentement gie sostitwit bil-Perit Legali Dr. Arthur Galea Salamone.

Illi permezz ta' nota l-attur nomine ceda l-kawza fl-ismijiet premessi fil-konfront ta' Godwin Abela in rapprezentanza tas-socjeta' "The Cargo Handling Company Limited".

Illi fir-rapport tieghu, il-Perit Legali ghamel is-segwenti konstatazzjonijiet:

( i) Is-"Sea Malta" kellha *slot charter* fuq il-vapur "Manchester Trader" u ghalhekk il-vettural f'dan il-kaz kien is-"Sea Malta" stess. Il-*container*, li sussegwentement instab li kien imtaqqab, kien gie provdut minn Cory Brothers Limited, l-agenti tas-"Sea Malta".

( ii) Meta l-*container* gie *destuffed*, taht is-sorveljanza ta' rapprezentant tas-socjeta' attrici, kif ukoll dik tan-nies tad-Dwana u tal-Burdnar instab li hafna mill-merkanzija kienet imxarrba rizultat ta' ilma li dahal mit-toqba li kienet tinsab fuq is-saqaf tal-*container*. Dan jirrizulta mix-xhieda ta' Noel Ellul u mill-provi mressqa, partikolarment Dokumenti "B1" u "B2". Johrog ukoll il-fatt li l-*container* kien imsaddad fil-post fejn kien hemm it-toqba, izda bl-ebda mod ma giet eskluza l-possibbilita' li t-toqba giet ikkagunata b'xi daqqa li qala' l-istess *container*.

( iii) B'hekk filwaqt li l-atturi qeghdin jipproponu kawza ta' danni, il-konvenuti qeghdin ighidu li huma ezonerati mir-responsabbilita' minhabba ragunijiet kuntrattwali bejn il-partijiet u/jew kif surrogati.

( iv) Il-konvenuti fil-fatt eccepew l-ezoneru tar-responsabbilita' taghhom a bazi tal-klawsola 8 (iii) fuq il-wara tal-Bill of Lading li taqra: "*If the articles accepted for transportation are containers the contents having been packed and stowed inside the container by or on behalf of the shipper and not by or on behalf of the Company:- (iii) The Merchant hereby agrees to inspect the Container(s) prior to*

*such being packed and/or stowed and shall indemnify the Company for any loss which the Company may suffer, or liability to any person which the Company may incur, on account of bodily injury or disease (fatal or non-fatal) or loss of or damage to any property arising out of or consequent upon the unsuitability and/or unfitness of the Container(s) no matter what the cause of such unsuitability and/or unfitness of the Container(s)*".

Il-Perit Legali jirrileva illi in kwantu ghal din il-klawsola fil-polza tal-kariku wiehed irid jara:

- Jekk klawzola bhal din hijiex valida u x'forza ghandha;

- Jekk fl-affermattiv wiehed irid jara jekk mill-provi mressqa jirrizultax li l-*container* kienx fi stat hazin, u jekk id-danni li potenzjalment tista' ssofri s-socjeta' konvenuta humiex rizultat ta' l-istat hazin ta' l-istess *container*.

( v) Invece fil-konfront ta' l-attur u l-konvenut, il-polza tal-kariku hi l-*contract of carriage* innifsu, ghax zgur li ma kien hemm l-ebda ftehim bejn dawn iz-zewg partijiet rigward it-trasportazzjoni tal-merkanzija, liema ftehim imbaghad gie

formalizzat fil-polza tal-kariku. Dana wkoll kif gie ritenut ukoll fil-Gurisprudenza Ingliza, antecedenti ghall-Carriage of Goods by Sea Acts tal-1971 u l-1992 u indipendenti mill-Bills of Lading Act 1855, f'"Leduc vs. Ward (1888) 20 QBD 475.

Ghalhekk minn dak kollu suespost, il-Perit Legali jissottometti illi l-klawsola dwar l-ezoneru tar-responsabbilita' li jipprova jistrieh fuqha l-konvenut hija applikabbli ghall-kaz in kwistjoni u li ghandu jezamina l-Perit huwa jekk din l-istess klawsola torbotx lill-attur.

Il-*contract of carriage* jorbot lill-konvenut ma' l-attur u ghalhekk il-polza tal-kariku ma tistax torbot lill-attur fil-konfront ta' klawsoli li ma jikkoncernawx il-*carriage of goods* innifsu, izda li huma intizi biss biex japplikaw bejn il-partijiet originali tal-kuntratt u cioe' l-Cooperative Whole Sale Society Limited u s-Sea Malta Co. Dana johrog mill-principju generali li kuntratt ma jistax jorbot terza persuna. Fil-fatt il-klawsola li fuqha qed jistrieh il-konvenut timponi obbligu fiziku fuq "***the merchant***" biex fizikament jispezzjona l-*container* qabel dan ma jitghabba u fin-nuqqas, il-konvenut qed jikkontendi, li huwa ezonerat mir-responsabbilita'.

Dan l-obbligu da parti tal-"Merchant/Shipper" ma intiritx awtomatikament mill-attur, meta giet lilu endorsjata l-polza tal-kariku. Huwa sottomess li kull ma gara meta giet indorsjata l-polza tal-kariku kien li bejn l-attur u l-konvenut, l-istess polza tal-kariku saret tifforma l-*contract of carriage*, liema polza ghalhekk ma torbotx lill-attur.

( vi) Jidher li ma ngiebet l-ebda prova mis-socjeta' konvenuta li d-danni sofferti mill-attur ma gewx ikkagunati minhabba l-agir taghhom. Il-konvenut ma gab l-ebda prova li l-*container* ma kienx fi stat tajjeb meta dana tghabba, u lanqas qieghed il-konvenut f'posizzjoni li jgib tali prova peress illi dan il-*container* gie supplit mill-agenti tieghu stess. Oltre dan l-attur fil-prova tieghu li d-danni gew ikkagunati mill-konvenut, ressaq ix-xhieda ta' Noel Ellul, is-*surveyor* imqabbad mis-socjeta' attrici, li qal li jirrizulta li t-toqba ma kenitx wahda li tfaccat man mano minhabba s-sadid, izda kien jidher li "*kienet toqba kbira li setghet irrizultat minn xi daqqa jew xi kawza simili bhal dik*". Evidentement toqba kbira bhal din kienet tkun facilment osservabbli, sija minn min mela l-*container*, u sija mis-socjeta' konvenuta stess, u n-nuqqas li xi hadd f'xi stadju naqas li jikkummenta dwar din it-toqba aktar

ixaqleb id-dubju a favur il-kontenzjoni ta' l-atturi li t-toqba rrizultat waqt it-traggitt tal-*container* abbord tal-vapur.

( vii)  Mill-provi ma jirrizultax li l-*container* ma qalax daqqa waqt li kien fil-kustodja tal-vettural.  Dana jpoggi lill-vettural responsabbli kif jirrizulta mill-Artikolu III.2 tal-Hague Rules li jiddisponi s-segwenti:  "*Subject to the provisions of Article IV, the carrier shall properly and carefully load, handle, stow, carry, keep, care for and discharge the goods carried*."

(viii)  Il-polza tal-kariku in kwistjoni taqra:  "*1x20' container S.T.C. 1568 CTNS Mixed Groceries*".  Id-domanda wahedha allura tohrog jekk fil-kaz in kwistjoni kienx hemm *package* 1 jew 1568 *packages*.  Din id-domanda ilha tipprevali, u fil-fatt kienet wahda mill-konsiderazzjonijiet ewlenin li r-riformaturi tal-Hague Rules kienu kkunsidraw u biddlu meta gew imfassla l-Hague Visby Rules.  L-esponent ihoss illi f'dan il-kaz, minhabba l-fatt li n-numru tal-kaxex gew identifikati, allavolja hemm it-terminu *said to contain*, xorta wahda wiehed ghandu jikkonsidra li kull wiehed mill-*cartons* jigbed lejh il-*package limitation* ta' mitt lira, u ghaldaqstant, l-izghar ammont huwa l-valur pretiz mill-attur ta' Lm1421.30.  Wiehed josserva li s-somma ta' Lm1421.30 ma tikkorrispondix mal-valur tal-

merkanzija li hija ndikata bhala STG1521.34. Izda l-ewwel cifra hija s-somma totali sofferta mill-attur.

Ikkunsidrat:-

Illi r-rapport peritali gie mahluf fis-seduta tat-12 ta' Mejju 1997 u l-kawza differita ghall-ezami tar-rapport ghall-4 ta' Lulju 1997. F'din is-seduta ma deher hadd partikolarment, fil-fehma tal-Qorti, ma deherx rapprezentant tas-socjeta' konvenuta jew id-difensur taghha, kif del resto, qatt ma dehru ghad-diversi differimenti li inghataw fejn il-Qorti, impenjata b'xoghol iehor, ma kenitx waslet ghall-prolazzjoni tas-sentenza. (Jinghad illi l-kawza kienet giet differita ghas-sentenza l-ewwel darba ghall-4 ta' Novembru 1997 pero' li, ghal xi zmien, il-process kien mitluf - ara verbal tas-17 ta' Gunju 1998). Dan in-nuqqas tas-socjeta' konvenuta minkejja illi ma jfissirx illi hija rremettiet ruhha ghar-rapport peritali, jfisser illi hija ma kellhiex kritika valida biex taghmel ghal din il-prova li setghet saret jew permezz ta' nota ta' kritika, jew bl-eskussjoni tal-Perit Legali jew, finalment, anke bit-talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali. Konsiderat il-provi mressqa quddiem il-Perit Legali w il-prova maghmulha permezz ta' l-istess rapport peritali l-Qorti tasal ghall-konvinzjoni li kienet l-

istess socjeta' konvenuta li kienet unikament responsabbli ghad-danni kkagunati lill-attur nomine (ara f'dan il-kuntest l-Artikoli 1628 sa 1630 tal-Kodici Civili apparti mill-konsiderazzjonijiet maghmulha mill-Perit Legali).

F'dawn ic-cirkostanzi konsiderat illi l-kawza giet ceduta fir-rigward tas-socjeta' konvenuta "The Cargo Handling Company Limited" u li l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta "Sea Malta Company Limited" giet irtirata, din il-kawza hija deciza billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront biss tas-socjeta' konvenuta "Sea Malta Company Limited" u:

1. tiddikjaraha responsabbli ghall-hsarat indikati fl-att tac-citazzjoni;

2. tikkundannaha thallas lill-attur nomine s-somma ta' elf erba' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u tletin centezimu (Lm1421.30c) in linea ta' danni sofferti mill-importatur u surrogat lill-attur nomine;

U dana bl-ispejjes kollha tal-kawza.

L-imghax legali in linea mal-gurisprudenza fil-materja ghandu jiddekorri biss mit-8 ta' Novembru 1990, id-data meta l-istess socjeta' konvenuta giet notifikata bic-citazzjoni odjerna.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.